# L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP): Lulju 2026

NR 157/2026 | L-Istatistika Bikrija tan-Negozju | Data tal-Ħruġ: **10/09/2026** | Data tal-Għeluq: 04/09/2026





## Punti Prinċipali

- F'Lulju 2026, il-produzzjoni industrijali żdiedet bi 2.2 fil-mija meta mqabbla ma' Lulju 2025.
- L-akbar żieda annwali fil-produzzjoni industrijali kienet irreġistrata fil-produzzjoni tal-injam, prodotti tal-karta, u l-istampar (29.5 fil-mija).
- Meta mqabbel mal-istess xahar tal-2025, l-akbar żieda fil-produzzjoni seħħet fl-enerġija (22.8 fil-mija).
- Il-produzzjoni industrijali sħiħa telgħet b'1.9 fil-mija meta mqabbla ma' Ġunju 2026.

## Kummentarju

*F'Lulju 2026, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali sħiħa rreġistra żieda ta' 2.2 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2025.*

L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP) huwa indikatur taċ-ċiklu tan-negozju. Kull xahar, huwa jieħu qies bikri tat-tibdil fil-volum tal-produzzjoni industrijali tan-negozji domestiċi fil-manifattura, l-enerġija, u l-barrieri f'Malta.

**Il-Produzzjoni Industrijali Sħiħa – Tqabbil mas-sena ta' qabel**

F'Lulju 2026, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali żdied bi 2.2 fil-mija meta mqabbel ma' Lulju 2025. Meta kienet eskluża l-enerġija, l-indiċi tela' b'0.8 fil-mija (Tabella nru 1 u Ċart nru 1).

**Ċart nru 1. Il-Produzzjoni Industrijali Sħiħa – Tqabbil mas-sena ta' qabel**

*Id-differenza perċentwali li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel*




**Il-Produzzjoni tal-Manifattura – Tqabbil mas-sena ta' qabel b'oqsma magħżula**

F'Lulju 2026, il-produzzjoni tal-manifattura żdiedet b'0.7 fil-mija. L-akbar żieda kienet irreġistrata fil-produzzjoni tal-injam, prodotti tal-karta, u l-istampar (29.5 fil-mija). Wara dawn, kien hemm żieda f'manifattura oħra (2.4 fil-mija). Min-naħa l-oħra, kien irreġistrat tnaqqis fil-produzzjoni ta' prodotti tal-lastku, plastik, u prodotti oħra minerali mhux tal-metall (7.0 fil-mija), ta' prodotti tal-kompjuters, tal-elettronika u tal-vista, u ta' vetturi bil-mutur (5.1 fil-mija), u ta' prodotti kimiċi u tal-farmaċewtika (3.2 fil-mija) (Ċart nru 2).

**Ċart nru 2. Il-Produzzjoni tal-Manifattura – Tqabbil mas-sena ta' qabel b'oqsma magħżula**

*Id-differenza li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel*




**Il-Produzzjoni Industrijali – Tqabbil mas-sena ta' qabel maqsum bil-gruppi industrijali ewlenin**

Il-Gruppi Industrijali Ewlenin (MIGs) jagħtu analiżi alternattiva tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi kklassifikati skont kategoriji ta' użu aħħari. Huma jgħaqqdu flimkien diversi taqsimiet, gruppi u klassijiet tan-NACE (ara t-tabella fil-metodoloġija għal aktar tagħrif).

F'Lulju 2026, l-akbar żieda fil-produzzjoni kienet irreġistrata fl-enerġija (22.8 fil-mija). Wara din, kien hemm l-oġġetti tal-konsum (8.9 fil-mija). Għall-kuntrarju ta' dawn, il-produzzjoni tal-oġġetti kapitali u tal-oġġetti intermedji niżlu b'9.0 fil-mija u bi 3.2 fil-mija, rispettivament (Ċart nru 3).

**Ċart nru 3. Il-Produzzjoni Industrijali – Tqabbil mas-sena ta' qabel maqsum bil-gruppi industrijali ewlenin**

*Id-differenza perċentwali li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel*




**Il-Produzzjoni Industrijali aġġustata għall-effetti tal-istaġun – Tqabbil max-xahar ta' qabel**

Dehra aktar ċara tal-iżviluppi ekonomiċi tista' tinkiseb meta l-indiċijiet ikunu aġġustati għall-effetti tal-istaġun. Dawn l-effetti, li jitfaċċaw minn żmien għal żmien, jitneħħew mis-serje tal-indiċi sabiex ikunu jistgħu jsiru l-paraguni xahar ma' xahar (ara punti nri 5 u 6 fil-metodoloġija).

F'Lulju 2026, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun tela' b'1.9 fil-mija meta mqabbel ma' Ġunju 2026 u kien ta' 117.9-il punt (2021=100) (Tabella nru 3 u Ċart nru 4).

**Ċart nru 4. Il-Produzzjoni Industrijali aġġustata għall-effetti tal-istaġun – Tqabbil max-xahar ta' qabel**

*Indiċi (2021 = 100)*




Abbona għall-aħħar aħbarijiet

L-Istatistika Bikrija tan-Negozju

### Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

- L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Lulju 2026
- L-Indikaturi Bikrin tas-Servizzi: K2/2026
- L-Indikaturi Industrijali Bikrin: K2/2026
- L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP): Ġunju 2026
- L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Ġunju 2026

### Temi Oħra Relatati

- Ir-Reġistru tal-Istatistika tan-Negozju
- L-Istatistika Strutturali tan-Negozju

**Għal mistoqsijiet ikkuntattja:**

stbs.nso@gov.mt

**Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:**

L-Indikaturi Magħżula